**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2019 — Synergy Hellas vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-244/18)** ([1])

***("Riċerka u żvilupp teknoloġiku — Regolament finanzjarju — Sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2002-2006) — Ftehim ta' sussidju J-Web — Deċiżjoni li teżegwixxi rkupru — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2019/C 280/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

## Partijiet

*Rikorrenti:* d.d. Synergy Hellas Anonymi Emporiki Etaireia Parochis Ypiresion Pliroforikis (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: K. Damis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A Katsimerou u A. Kyratsou, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 1115 finali, tad-19 ta' Frar 2018, dwar l-irkupru tal-ammont ta' EUR 76 282,08, miżjud bl-interessi, min-naħa tar-rikorrenti.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *d.d. Synergy Hellas Anonymi Emporiki Etaireia Parochis Ypiresion Pliroforikis hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

---

([1]) ĠU C 231, 2.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2019 — Strabag Belgium vs Il-Parlament**

**(Kawża T-299/18)** ([1])

***("Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Xogħlijiet minn kuntrattur ġenerali fuq il-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u għoti tal-kuntratt lil offerenti oħra — Offerta anormalment baxxa — Rikors għal annullament — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2019/C 280/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Strabag Belgium (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment M. Schoups, K. Lemmens u M. Lahbib, sussegwentement M. Schoups, K. Lemmens u M. Thomas, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: P. López-Carceller, Z. Nagy D. Simon, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-19 ta' April 2018 li jżomm fis-seħħ id-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2017 li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti u li tagħti lil ħames offerenti l-kuntratt dwar kuntratt qafas dwar xogħlijiet minn kuntrattur ġenerali fuq il-bini tal-Parlament fi Brussell (sejħa għal offerti 06D 20/2017/M036) u, min-naħa l-oħra, tal-addendum mehmuż mar-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerti tal-Parlament tas-26 ta' Marzu 2018.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Strabag Belgium hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

---

([1]) ĠU C 259, 23.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2019 — Porus vs EUIPO (oral Dialysis)**

**(Kawża T-652/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali oral Dialysis — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 280/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Porus GmbH (Monheim am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Weil, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Schneider u D. Hanf, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' 'Settembru 2018 (Każ R 1375/2018-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali oral Dialysis bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Porus GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 4, 7.1.2019.